MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1758/2014/1

**Regina Auto Dealer Limited**

**vs**

**Adrian Agius, fin-negozju, iben Raymond u Paola sive Pauline Agius xebba Zammit, imwieled H'Attard u joqghod 11, Massabielle, Victoria Lines Street, Naxxar;**

**Robert Agius, fin-negozju, iben Raymond u Paola sive Pauline Agius xebba Zammit, imwieled Pieta u joqghod Olive Court B, Penthouse 11, Triq il-Bahhara, Qawra, San Pawl il-Bahar; u**

**Paola sive Pauline Agius, armla ta' Raymond, bint Lawrence Zammit u Giovanna xebba Bezzina, imwielda l-Qawra u toqghod Olive Court A, Penthouse 11, Triq il-Bahhara, Qawra, San Pawl il-Bahar**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimati milqugh provizorjament fil-5 ta’ Novembru 2014;

Rat ir-risposta tal-intimati li opponew ghal hrug tal-mandat ghal diversi ragunijiet fosthom ghaliex parti sostanzjali mill-proprjeta kolpita mill-mandat giet trasferita lil terzi. Fil-mori tal-proceduri infatti s-socjeta rikorrenti irtirat it-talba taghha ghal dak li jikkoncerna t-tieni u raba propjetajiet mitluba li jigu kolpiti u zammet it-talba ferma ghall-ewwel u tielet proprjetajiet imsemmija;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga  li tista tkun ta’ hsara jew  pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat.  Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak;  inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull

mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Din hi talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni li hi marbuta ma kawza li ghamlet l-istess socjeta rikorrenti kontra l-intimati a bazi tal-actio pauliana naxxenti minn kuntratt ta' divizjoni bejn l-intimat Adrian Agius minn naha wahda u Robert Agius u Pauline Agius minn naha l-ohra. Il-bazi ta' din l-azzjoni hi li bid-divizjoni allegatament maghmula bi pregudizzju ghad- drittijiet tal-krredituri, Adrian Agius li hu debitur tas-socjeta rikorrenti naqqas jekk mhux elimina l-possibilita da parti tas-socjeta rikorrenti li tirkupra l-kreditu dovut lilha minghandu peress illi l-propjetajiet li messu lilu bid-divizjoni naqsu bil-bosta l-patrimonju precedenti tieghu. In oltre hu allegat li d-dritt ta' kreditu fl-istess kawza hu naxxenti minn self brevi manu ta' €500,000 rizultanti minn kambjala datata 20 ta' Jannar 2014 li immaturat fl-20 ta' Frar 2014. Bhala sors antecedenti ghal relazzjoni ta' kreditur/debitur l-istess socjeta rikorrenti taghmel referenza ghal kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 24 ta' Awwissu 2011. Dawn id-dokumenti huma esebiti in atti.

Din il-Qorti mhix ser tipprova tidhol fil-mertu tal-azzjoni u difiza promossi bejn il-partijiet kif jitolbu whud mis-sottomissjonijiet imressqa mill-intimati. Lanqas ser tidhol f'xi sottomissjonijet ta' natura preliminari bhal locus standi ta' Robert Agius f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti ser tissoferma ruhha fuq l-ewwel rekwizit li jrid jipprova r-rikorrenti cioe d-dritt prima facie vantat minnu. Hu car illi r-rikorrenti qed jippretendi drittijiet qua kreditur permezz ta' kambjala u fl-istess vesti ghar-reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-debitur prezunt jekk l-actio pauliana promossa jkollha ezitu pozitiv u dan qua kreditur fil-persuna guridika morali ta' socjeta b'responsabilta limitata cioe Regina Auto Dealer Limited. Pero harsa lejn il-kambjala bhala prova ta' kreditu turi illi l-kreditur hu Regina Auto Dealer cioe 'trade name' jew isem ta' negozju bla ebda riflessjoni fuq l-identita vera tal-kreditur, cioe jekk hux persuna fizika jew wahda morali. Dan jinghad ovvjament fil-mertu ta' indagini prima facie ghal hrug ta' mandat bla ebda riflessjoni

jew pregudizzju fuq il-mertu fejn il-kwistjoni tigi approfondita ulterjorment. Pero ghal fini ta’ din l-indagini l-prova tal-kreditu ma hux sodisfatt prima facie ghax Regina Auto Dealer Limited hi socjeta b’personalita guridika distinta mentri Regina Auto Dealer ma jfisser xejn mehud fil-kuntest prima facie.

Mhux hekk biss izda l-prova ta’ relazzjoni ta’ kreditur/debitur li tressaq is-socjeta rikorrenti bil-kuntratt tal-kostituzzjoni ta’ debitu tal-24 ta’ Awwissu 2011 ma tindikax lil Regina Auto Dealer Limited bhala kreditur izda lil Brian Cutajar u Rosianne Cutajar personalment bhala kredituri tal-intimati.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi ghal fini tal-hrug tal-mandat odjern is-socjeta Regina Auto Dealer Limited ma ippruvat ebda dritt prima facie fil-konfront tal-intimati jew uhud minnhom li jimmerita l-protezzjoni mitluba billi din is-socjeta b’personalita guridika separata u distinta ma ressqet ebda prova ta’ ness bejnha li tallacja dak kontenut bhala fatti minnha prodotti mal-intimati jew il-pretensjoni fil-konfront taghhom.

Ghalhekk il-Qorti tqis li ghandha tieqaf hawn u ma tindagax kwistjonijiet ohra mqajma mill-partijiet.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, u tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-5 ta’ Novembru 2014, bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------